

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1173

tal-4 ta' Ġunju 2020

li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea f'dak li jirrigwarda t-tul tal-perjodu tad-divulgazzjoni preliminari

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 290(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 7(1) u 23a tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 12(1) u 32b tiegħu,

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Ġunju 2018, ġie ppubblikat ir-Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾, li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 (minn hawn' il quddiem "ir-Regolament anti-dumping bażiku") u r-Regolament (UE) 2016/1037 (minn hawn' il quddiem "ir-Regolament antisussidji bażiku").
- (2) Sabiex jittejbu t-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-investigazzjonijiet anti-dumping u daww dwar id-dazju kumpensatorju, il-partijiet li se jintlaqtu mill-impożizzjoni ta' miżuri proviżorji anti-dumping u kumpensatorji, b'mod partikolari l-importaturi, jeħtieġ li jiġu infurmati dwar l-impożizzjoni imminenti ta' tali miżuri. Barra minn hekk, f'investigazzjonijiet fejn ma jkunx xieraq li jiġu imposti miżuri proviżorji, huwa ideali li l-partijiet ikunu infurmati minn żmien kmieni biżżejjed b'tali nuqqas ta' impożizzjoni. Għalhekk, ġie introdott perjodu ta' divulgazzjoni preliminari ta' tliet ġimgħat.
- (3) Skont l-Artikolu 7(1) tar-Regolament anti-dumping bażiku u l-Artikolu 12(1) tar-Regolament antisussidji bażiku, sad-9 ta' Ġunju 2020 il-Kummissjoni kellha twettaq rieżami dwar jekk tkunx seħħet żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet matul il-perjodu tad-divulgazzjoni preliminari u jekk, fil-każ li tali żieda seħħet, din iż-żieda kkawżatx dannu addizzjonali lill-industrija tal-Unjoni, minkejja l-possibbiltà ta' reġistrazzjoni jew aġġustament għall-marġni ta' dannu.
- (4) Abbażi ta' dan ir-rieżami, huwa mitlub mill-Kummissjoni li temenda l-perjodu tad-divulgazzjoni preliminari għal ġimgħtejn fil-każ ta' żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet li kkawżaw dannu addizzjonali u għal erba' ġimgħat meta dan ma jkunx il-każ.
- (5) Kif stabbilit fl-Artikoli 7(1) u 23a(2) tar-Regolament anti-dumping bażiku u l-Artikolu 12(1) u 32b(2) tar-Regolament antisussidji bażiku, dan ir-rieżami huwa obbligu għall-Kummissjoni li jista' jitħaddem darba biss.

⁽¹⁾ ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.

⁽²⁾ ĠU L 176, 30.6.2016, p. 55.

⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/825 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 li jemenda r-Regolament (UE) 2016/1036 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea u r-Regolament (UE) 2016/1037 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 143, 7.6.2018, p. 1).

- (6) Mid-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) 2018/825 fit-8 ta' Ġunju 2018 'l hawn, il-Kummissjoni bdiet 19-il investigazzjoni ⁽⁴⁾ skont l-Artikolu 5 tar-Regolament anti-dumping bażiku u sitt investigazzjonijiet skont l-Artikolu 10 tar-Regolament antisussidji bażiku.
- (7) Għal tnax minn dawn l-investigazzjonijiet, it-tnejn għaddew l-istadju proviżorju u hemm ukoll *data* tal-importazzjoni disponibbli għall-perjodu ta' divulgazzjoni preventiva. Għalhekk setgħu jiġu analizzati biex isir rieżami dwar jekk seħħitx żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet matul il-perjodu ta' divulgazzjoni preliminari ⁽⁵⁾.
- (8) L-għadd ta' każijiet disponibbli għall-Kummissjoni biex tibbaża l-valutazzjoni tagħha fuq jekk seħħitx żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet matul il-perjodu ta' divulgazzjoni preliminari għalhekk huwa, u kif mistenni fiż-żmien meta ġie maqbul ir-Regolament (UE) 2018/825, limitat. Madankollu, f'dawk il-każijiet wieħed jista' jara xejra ċara.
- (9) F'sitta minn dawn it-tnax-il investigazzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li timponi miżuri proviżorji. Fis-sitta l-oħra, tliet ġimgħat qabel l-iskadenza biex jiġu imposti l-miżuri proviżorji, il-partijiet ġew infurmati bl-intenzjoni tal-Kummissjoni li ma tagħmilx dan.
- (10) Fuq il-bażi ta' *data* statistika miġbura fil-qosor fit-Tabella hawn taħt, il-Kummissjoni sabet li l-volum tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiżi kkonċernati żdied f'żewġ investigazzjonijiet biss. Fl-investigazzjonijiet l-oħra, seħħ tnaqqis sostanzjali.

Tabella

Volumi ta' importazzjonijiet għal kull każ

Isem u numru tal-każ	Deċiżjoni li jiġu imposti miżuri proviżorji	Importazzjonijiet li joriġinaw minn	Importazzjoni matul il-PI (tunnellati metriċi)	Importazzjoni matul id-divulgazzjoni preliminari (tunnellati metriċi)	Żieda fl-importazzjonijiet
Taħlitiet ta' urea u nitrat tal-ammonju (AD649)	Iva	Ir-Russja	35 297	8 497	-76 %
		L-USA	42 700	0	-100 %
		Trinidad	21 183	0	-100 %
		totali	99 180	8 498	-91 %
Bijodizil (AS650).	Iva	L-Indoneżja	29 693	24 045	-19 %
Roti tat-triq tal-azzar (AD652)	Iva	Ir-RPĊ	13 763	914	-93 %
Tessuti tal-fibra tal-ħġieġ (AD653)	Le	L-Eġittu	882	4	-100 %
		Ir-RPĊ	2 161	1 724	-20 %
		totali	3 043	1 728	-43 %
Prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu (AD655)	Le	L-Eġittu	8 295	3 076	-63 %
		Il-Bahrain	1 350	327	-76 %
		totali	9 644	3 403	-65 %
Tessuti tal-fibra tal-ħġieġ (AS656)	No	L-Eġittu	882	37	-96 %
		Ir-RPĊ	2 161	2 500	16 %
		totali	3 043	2 537	-17 %
Prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu (AS657)	Iva	L-Eġittu	8 295	11 574	38 %

Sors: Il-Eurostat, *data* vverifikata pprovduta mill-industrija tal-Unjoni, u minn Sorveljanza II

⁽⁴⁾ Il-Kummissjoni ssegwi l-metodu ta' kalkolu użat mid-WTO. Dan ifisser li jekk każ li jikkonċerna l-istess prodott ikun dirett kontra importazzjonijiet minn aktar minn pajjiż wieħed, kull pajjiż kopert jgħodd bħala investigazzjoni waħda separata.

⁽⁵⁾ Tliet każi, (Profilu vojta minn ġewwa li joriġinaw mir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, mir-Russja u mit-Turkija) ġew terminati, l-10 każi l-oħra għadhom kif intemmew u għadhom ma waslux fl-aħħar tal-fażi proviżorja u għalhekk ma hi disponibbli l-ebda *data* statistika għall-perjodu tad-divulgazzjoni preliminari (id-data tal-abbozzar: it-30 ta' April 2020)

- (11) Ma kien hemm l-ebda żieda sostanzjali fil-maġġoranza tal-każijiet rieżminati. Barra minn hekk, f'wieħed miż-żewġ każijiet fejn fil-fatt seħħet żieda, fl-aħħar mill-aħħar l-importazzjonijiet ma kinux ir-riżultat ta' divulgazzjoni preliminari, iżda r-riżultat tal-fatt li l-Kummissjoni ma kinitx imponiet dazji proviżorji. Tabilħaqq, anki taħt is-sistema preċedenti mingħajr divulgazzjoni preliminari, l-importazzjonijiet jistgħu, fi kwalunkwe każ, jidħlu fl-Unjoni mingħajr ma jattiraw dazju ladarba jkun ċar għall-partijiet interessati kollha li ma jiġux imposti dazji proviżorji minħabba l-iskadenza tat-terminu applikabbli.
- (12) Dan iħalli każ wieħed fejn seħħet żieda oħra fil-perjodu ta' divulgazzjoni preliminari qabel l-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji.
- (13) Konsegwentement, il-Kummissjoni kkonkludiet li kollox ma' kollox ma ġie kkawżat ebda dannu addizzjonali lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet matul il-perjodu ta' divulgazzjoni preliminari. Għaldaqstant, it-tul tal-perjodu ta' divulgazzjoni preliminari jeħtieġ li jiġi emendat għal erba' ġimgħat.
- (14) Fin-nuqqas ta' xi normi tranżizzjonali speċifiċi oħra li jirregolaw il-kwistjoni, huwa xieraq li jiġi ċċarat li l-investigazzjonijiet kollha mibdija soġġetti għal notifika ta' bidu skont l-Artikolu 5(9) tar-Regolament (UE) 2016/1036 jew l-Artikolu 10(11) tar-Regolament (UE) 2016/1037 qabel id-data ta' pubblikazzjoni fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ta' dan ir-Regolament jeħtieġ li ma jiġux affettwati mill-perjodu mtawwal ta' divulgazzjoni preliminari. Dan ikun jiżgura ċ-ċertezza tad-dritt, jipprovi opportunità raġonevoli biex il-partijiet interessati jadattaw ruħhom għall-iskadenza ta' normi qodma u għad-dħul fis-seħħ tan-normi l-ġodda, u jiffaċilita l-implimentazzjoni effiċjenti, ordnata u ekwa tar-Regolamenti (UE) 2016/1036 u (UE) 2016/1037.
- (15) Għaldaqstant jeħtieġ li r-Regolamenti (UE) 2016/1036 u (UE) 2016/1037 jiġu emendati skont dan,

ADOPTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Artikolu 19a tar-Regolament (UE) 2016/1036 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 19a

Informazzjoni fl-istadju proviżorju

1. Il-produtturi, l-importaturi u l-esportaturi tal-Unjoni u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, u r-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur, jistgħu jitolbu informazzjoni dwar l-impożizzjoni ppjanata tad-dazji proviżorji. It-talbiet għal tali informazzjoni għandhom isiru bil-miktub fil-limitu ta' żmien preskritt fin-notifika ta' bidu. Tali informazzjoni għandha tiġi pprovduta lil dawk il-partijiet erba' ġimgħat qabel l-impożizzjoni ta' dazji proviżorji. Tali informazzjoni għandha tinkludi: sommarju tad-dazji proposti għal raġunijiet ta' informazzjoni biss, u dettalji tal-kalkolu tal-marġni tad-dumping u l-marġni adegwat biex jitneħħa d-dannu lill-industrija tal-Unjoni, filwaqt li jingħata kont debitu għar-rekwiżit li jiġu rispettati l-obbligi tal-kunfidenzjalità li jinsabu fl-Artikolu 19. Il-partijiet għandu jkollhom perjodu ta' tlett ijiem ta' xogħol mill-għoti ta' tali informazzjoni biex jipprovdu l-kummenti tagħhom dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli.

2. Fil-każijiet fejn ma hemmx l-intenzjoni li jiġu imposti dazji proviżorji iżda hemm il-ħsieb li titkompla l-investigazzjoni, il-partijiet interessati għandhom jiġu infurmati dwar in-nuqqas ta' impożizzjoni tad-dazji erba' ġimgħat qabel jiskadi l-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 7(1) għall-impożizzjoni tad-dazji proviżorji."

Artikolu 2

L-Artikolu 29a tar-Regolament (UE) 2016/1037 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 29a

Informazzjoni fl-istadju proviżorju

1. Il-produtturi, l-importaturi u l-esportaturi tal-Unjoni u l-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom, u l-pajjiż ta' oriġini u/jew esportazzjoni, jistgħu jitolbu informazzjoni dwar l-impożizzjoni ppjanata ta' dazji proviżorji. It-talbiet għal tali informazzjoni għandhom isiru bil-miktub fil-limitu ta' żmien preskritt fin-notifika ta' bidu. Tali informazzjoni għandha tiġi pprovduta lil dawk il-partijiet erba' ġimgħat qabel l-impożizzjoni tad-dazji proviżorji. Tali informazzjoni għandha tinkludi: sommarju tad-dazji proposti għal raġunijiet ta' informazzjoni biss, u dettalji tal-kalkolu tal-marġni tad-dumping u l-marġni adegwat biex jitneħħa d-dannu lill-industrija tal-Unjoni, filwaqt li jittieħed kont debitu tal-ħtieġa li jiġu rispettati l-obbligi tal-kunfidenzjalità li jinsabu fl-Artikolu 29. Il-partijiet għandu jkollhom perjodu ta' tlett ijiem ta' xogħol mill-għoti ta' tali informazzjoni biex jipprovdu l-kummenti tagħhom dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli.

2. Fil-każijiet fejn ma jkunx hemm l-intenzjoni li jiġu imposti dazji proviżorji iżda jkun hemm il-ħsieb li titkompla l-investigazzjoni, il-partijiet interessati għandhom jiġu infurmati dwar in-nuqqas ta' impożizzjoni tad-dazji erba' ġimgħat qabel jiskadi l-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 12(1) għall-impożizzjoni tad-dazji proviżorji.”.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu japplika għall-investigazzjonijiet kollha li għalihom tkun ġiet ippubblikata n-notifika ta' bidu skont l-Artikolu 5(9) tar-Regolament (UE) 2016/1036 jew l-Artikolu 10(11) tar-Regolament (UE) 2016/1037 f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Ġunju 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN
